



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 13 ta' Jannar 2022
(OR. en)

5304/22
ADD 3

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0009(COD)

CORDROGUE 2
SAN 24

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	12 ta' Jannar 2022
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	SWD(2022) 9 final
Suġġett:	DOKUMENT TA' HĊDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT Li jakkumpanja d-dokument Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar id-Drogi

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument SWD(2022) 9 final.

Mehmuż: SWD(2022) 9 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 12.1.2022
SWD(2022) 9 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar id-Drogi

{COM(2022) 18 final} - {SEC(2022) 45 final} - {SWD(2022) 8 final}

Skeda tas-Sommarju Eżekuttiv

Valutazzjoni tal-impatt dwar proposta għal Regolament dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar id-Drogi (reviżjoni tal-mandat ta' Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga, jiġifieri tar-Regolament (KE) Nru 1920/2006)

A. Ħtieġa li tittieħed azzjoni

Għaliex? X'inhi l-problema li qed tiġi indirizzata?

Iċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga ("l-Aġenzija") twaqqaf fl-1993, u r-Regolament ta' twaqqif tiegħu ġie riformulat fl-2006 (ir-Regolament (KE) 1920/2006). Il-Kummissjoni wettqet l-aħħar evalwazzjoni (COM(2020) 228) fl-2018/19. Id-definizzjoni tal-problema tibni fuq l-eżiti tal-evalwazzjoni u tindirizza n-nuqqasijiet imqajma mill-partijiet ikkonċernati ewlenin tal-Aġenzija. Filwaqt li 25 sena ilu kien meħtieġ li tinġabar u tiġi analizzata d-data biex tiġi deskritta s-sitwazzjoni tad-drogi fl-Ewropa u l-konsegwenzi tagħha, illum il-ġurnata l-partijiet ikkonċernati jeħtieġu wkoll analiżi f'linja reali dwar l-isfidi emerġenti u pariri dwar l-aħjar modi biex jiġi indirizzat it-theddid li qed jevolvi malajr, bħal sustanzi psikoattivi ġodda li jidhru fl-UE, li huma aktar perikolużi għas-saħħa (pubblika) u joħolqu wkoll tħassib għidid dwar is-sigurtà. Il-leġiżlaturi jeħtieġu aktar appoġġ u informazzjoni biex jagħmlu għażliet infurmati u jipprovdu tweġibiet adegwati. L-Aġenzija ma tistax tipprovdi appoġġ suffiċjenti lill-Istati Membri u n-network ta' punti fokali nazzjonali tal-Aġenzija (Reitox) mhux qed jilħaq il-potenzjal sħiħ tiegħu. Finalment, id-dimensjoni internazzjonali tal-ħidma tal-Aġenzija mhijiex definita biżżejjed. Għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija l-għdida tal-UE dwar id-Drogi 2021–2025, li għandha approċċ ibbażat fuq l-evidenza għall-politika dwar id-drogi, l-informazzjoni li tipprovdi l-Aġenzija hija kruċjali.

X'mistennija tikseb din l-inizjattiva?

L-oġettiv ġenerali tal-inizjattiva huwa li jiġi żgurat li l-Aġenzija tkun adatta għall-iskop tagħha u tkun mġhammra b'mod xieraq biex tindirizza l-isfidi ppreżentati mid-drogi fl-UE, li jwasslu għal azzjoni u appoġġ xierqa mill-UE u mill-Istati Membri. Ir-reviżjoni proposta tal-mandat tkun waħda mmirata. Hija għandha tiċċara l-mandat tal-Aġenzija fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni tal-azzjoni tagħha (b'mod partikolari s-sustanzi li għandhom jiġu indirizzati); iżżid il-kapaċità tagħha li tirreaġixxi aktar malajr u b'mod aktar immirat għall-isfidi u t-theddid emerġenti; tapprofondixxi l-monitoraġġ u l-analiżi tal-fenomenu tad-drogi; tipprovdi appoġġ lill-Istati Membri; u tiċċara d-dimensjoni internazzjonali tal-ħidma tal-Aġenzija.

X'inhu l-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE?

Il-fenomenu tad-droga qed jaffettwa lill-Ewropej kollha u fin-natura tiegħu huwa transfruntier u globali. Hemm ħafna sfidi komuni li japplikaw fl-Istati Membri kollha, kemm fir-rigward tad-domanda għad-drogi kif ukoll fir-rigward tal-provvista tagħhom. Mhuwiex possibbli li l-fenomenu tad-droga jiġi indirizzat biss fuq livell nazzjonali, billi approċċ bħal dan iwassal għal frammentazzjoni, u l-Istati Membri jitgħallmu minn xulxin billi jaqsmu l-esperjenzi u l-aħjar prattiki. L-azzjoni fil-livell tal-UE tipprovdi mod effettiv u effiċjenti biex jiġu indirizzati dawn il-kwistjonijiet.

B. Soluzzjonijiet

X'għażliet ta' politika leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi ġew ikkunsidrati? Hemm għażla ppreferuta jew le? Għaliex?

L-għażla ta' politika li ma tinkludix leġiżlazzjoni (jiġifieri aktar kooperazzjoni) u ż-żarmar jew l-amalgamazzjoni tal-Aġenzija twarrbu mill-analiżi ulterjuri, billi dawn ma jkunux jindirizzaw il-problemi identifikati.

L-għażla ppreferuta hija reviżjoni mmirata tal-mandat. Ġiet analizzata t-talba ta' xi partijiet

ikkonċernati biex l-ambitu tal-Aġenzija jiġi estiż għal vizzji oħra wkoll, imma l-valutazzjoni tal-impatt ikkonkludiet li l-enfasi ewlenija tal-Aġenzija għandha tibqa' fuq id-drogi illeċiti. Madankollu, l-użu tas-sustanzi mħallta għandu jiġi indirizzat aħjar. Il-provvista tad-drogi u s-swieq tad-drogi għandhom ukoll ikunu fl-ambitu tematiku tal-azzjoni tal-Aġenzija. Sabiex tiġi pprovduta analiżi aktar aġli u li tħares 'il quddiem, il-kapaċitajiet ta' monitoraġġ u valutazzjoni tat-theddid tal-Aġenzija għandhom jiġu żviluppati aktar. Sabiex tinforma lill-pubbliku malajr u twissi dwar it-theddid preżenti f'diversi Stati Membri, l-Aġenzija għandha tgħin fl-iżvilupp ta' kampanji ta' informazzjoni u twissijiet fil-livell tal-UE jew inkella tiżviluppahom hi stess. Sabiex tiżdied l-informazzjoni li jkollha l-Aġenzija, għandu jitwaqqaf network speċjalizzat ta' laboratorji. Il-mandat tal-punti fokali nazzjonali għandu jissaħħa biex il-kapaċitajiet tagħhom jintużaw aħjar biex isostnu l-Aġenzija u biex jiġu riflessi l-bidliet li se jiġu introdotti fil-mandat tal-Aġenzija. Finalment, id-dimensjoni internazzjonali tal-ħidma tal-Aġenzija għandha tkun iċċarata iktar.
Liema għażla u min jappoġġaha? Il-partijiet ikkonċernati ewlenin, jiġifieri dawk li jfasslu l-politika nazzjonali u Ewropea dwar id-drogi huma favur — u saħansitra jitolbu — tisħiħ tal-mandat tal-Aġenzija. L-Istrateġija l-ġdida tal-UE dwar id-Drogi, adottata mill-Kunsill f'Diċembru 2020, tistieden b'mod espliċitu lill-Kummissjoni biex tippreżenta proposta biex il-mandat jiġi rivedut mill-aktar fis possibbli. Uħud mill-Istati Membri li għandhom strateġiji usa' ta' dipendenza jixtiequ mandat usa' għall-Aġenzija. Stati Membri oħra għandhom qafas ta' drogi biss u jkun kunteni bil-mandat attwali akkumpanjat minn kjarifika dwar l-użu ta' drogi differenti. L-iffissar ta' kriterji minimi għall-punti fokali nazzjonali jista' jkun ukoll kontroversjali ma' xi Stati Membri peress li jistgħu jqisu li dan jinterferixxi mal-prerogattivi tagħhom. Madankollu, dawn il-kriterji jkun meħtieġa biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi fl-Ewropa u jkun iggarantit l-ġoti tad-<i>data</i> lill-Aġenzija.
C. Impatti tal-għażla ppreferuta
X'inhuma l-benefiċċji tal-għażliet preferuti (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)? L-għażla ppreferuta tikkontribwixxi għal politiki u azzjonijiet infurmati aħjar; dan iwassal għal reazzjonijiet Ewropej (u nazzjonali) aktar effettivi għall-fenomeni tad-droga fl-UE. Dan ikun kontribut kbir għal rispons effettiv u bbażat fuq l-evidenza għall-fenomeni tad-drogi, kemm mill-perspettiva tas-saħħa kif ukoll minn perspettiva tas-sigurtà. Il-mandat tal-Aġenzija jibqa' ffukat prinċipalment fuq il-monitoraġġ, l-appoġġ tal-UE u l-Istati Membri tagħha, b'mod konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà. Reviżjoni mmirata bħal din tal-mandat tal-Aġenzija twassal għal thejjiha aħjar fil-livell Ewropew u nazzjonali fir-rigward tat-theddid ġdid li qed jikber fil-qasam tad-drogi.
X'inhuma l-kostijiet tal-għażliet preferuti (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)? L-għażla ppreferuta tkun teħtieġ it-tisħiħ tar-riżorsi finanzjarji u umani meta mqabbla mar-riżorsi allokat li fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) 2021–2027. Huwa stmat li se jkun meħtieġ baġit addizzjonali ta' bejn EUR 51 miljun u EUR 63 miljun, kif ukoll 40 post tax-xogħol permanenti addizzjonali fil-perjodu l-ġdid tal-QFP.
Kif se jintlaqtu n-negozji, l-SMEs u l-mikrointrapriżi? Mhux se jkun hemm impatt dirett fuq in-negozji, l-SMEs u l-mikrointrapriżi. Ir-reviżjoni jaf ikollha impatt indirett pożittivi billi tillimita t-telf ta' ħaddiema fl-ekonomija minħabba li dawk li jużaw id-droga ma jkunux jistgħu jaħdmu jew jipprovdu xogħol fl-abbiltà sħiħa tagħhom, u billi tfixxkel l-introjt tal-gruppi tal-kriminalità organizzata.
Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali? Għalkemm l-għażla ppreferuta twassal għal żieda fil-kompiti u r-responsabbiltajiet tal-Aġenzija, b'mod ġenerali l-inizjattiva tikkontribwixxi għal tnaqqis tal-piż amministrattiv u simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi, b'mod partikolari fl-Istati Membri. Il-fattur ewlieni li jikkontribwixxi huwa s-simplifikazzjoni u ċ-ċentralizzazzjoni proposti tal-obbligi ta' rappurtar. Minħabba nuqqas ta' <i>data</i> dwar il-fondi disponibbli għall-politika dwar id-drogi, mhijiex possibbli kwantifikazzjoni tal-impatt tas-simplifikazzjoni u t-tnaqqis tal-piż.

Se jkun hemm impatti sinifikanti oħra?
Le.
D. Segwitu
Meta se tiġi rieżaminata l-politika?
B'mod konformi mal-approċċ komuni, ir-Regolament tal-Aġenzija se jinkludi evalwazzjoni esterna tal-Aġenzija kull ħames snin.